# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Erbgħa u Tletin (34)**

**1 ta' Ġunju 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra Għawdex.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Anthony Attard – Kunsillier

*Il-Kunsilliera Stefan Bajada u Victor John Curmi infurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jaslu tard għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.*

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

34.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera għal-laqgħa tal-lum.

34.1.2 Fil-bidu tal-laqgħa, is-Sindku Dr. Christian Zammit wassal il-kondoljanzi tiegħu u ta' sħabu l-Kunsilliera lill-Viċi Sindku Aaron Agius fit-telfa tal-għażiża ommu, Rita Agius, li ġrat nhar is-Sibt 22 ta' Mejju 2021.

34.1.3 Il-Kunsillier Anthony Attard propona u l-Kunsill qabel li għandha tiġi organizzata Quddiesa mill-Kunsill b'suffraġju għal ruħha fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina.

**34.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tat-12 ta' Mejju 2021**

34.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 30 li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Mejju 2021.

**34.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħat b'urġenza tal-14 u l-21 ta' Mejju 2021**

34.3.1 Il-Kunsill approva b'żewġ voti favur u astenjoni waħda l-minuti tal-laqgħat b'urġenza numru 31, 32 u 33 li saru nhar il-Ġimgħa 14 u l-Ġimgħa 21 ta' Mejju rispettivament.

34.3.2 Il-Kunsillier Anthony Attard qal li se jastjeni peress li ma kienx preżenti għal dawn it-tliet laqgħat b'urġenza.

**34.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

34.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-*masterplan* tal-lokalita' taghna ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fil-laqgħa tat-12 ta' Mejju u fil-laqgħa b'urġenza tal-Ġimgħa 14 ta' Mejju.

Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju, huwa kellu laqgha ma' Dr. Deborah Camilleri u mal-Perita Antoinette Conti minn Transport Malta rigward din is-sistema l-gdida ta' *one ways* fix-Xaghra. Huma talbuh sabiex il-Kunsill jippreżenta pjanta professjonali ta' kif ser isiru l-*one ways* u anke tal-*options* kollha li l-kumpanija EMDP qed tagħti lill-Kunsill b'rabta ma' din il-*masterplan*.

Is-Sindku qal li l-kumpanija EMDP preparat id-dokumentazzjoni kollha rikjesta u qed nistennew l-approvazzjoni uffiċjali min-naħa ta' Transport Malta qabel ma din is-sistema tkun tista' tidħol fis-seħħ. Il-Kunsill qabel li għandu jitqassam avviż fid-djar kollha tax-Xagħra sabiex jispjega l-mod ta' kif din is-sistema ser tkun qed taħdem.

34.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Fid-dawl tal-fatt li dan il-proġett maġġuri waqa' lura minħabba li l-kumpanija li ħadet l-offerta kellha prijoritajiet oħrajn matul dan ix-xahar, il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu laqgħa urġenti mal-kuntrattur sabiex dan ix-xogħol jitlesta mill-aktar fis possibbli sabiex innaqqsu l-inkonvenjent lir-residenti.

34.4.3 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li fir-rigward tal-progett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid għal-lokalita' tagħna, qed nistennew il-permessi meħtieġa min-naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex

ikun jista' jiġi iffirmat il-kuntratt ta' finanzjament mal-Ministeru għal Għawdex u jinħarġu l-offerti pubbliċi għal dawn ix-xogħlijiet.

Sadanittant, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra kompla għaddej bit-tħejjijiet tiegħu sabiex is-servizzi amministrattivi tal-Kunsill jiġu rilokati għal parti mil-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri SJ'.

Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu ninsistu mal-kuntratturi sabiex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli sabiex is-servizzi tagħna jiġu rilokati għal post li jkun aċċessibbli għall-persuni anzjani u persuni b'diżabilita'.

34.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-proġett ta' installazzjoni ta' *planters* fi Pjazza l-Vitorja wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu. Wara li ġew installati l-erbatax-il *planter* mad-dawra tal-Pjazza, issa jmiss li jsir ix-xogħol relatat mal-irrigazzjoni ta' dawn il-pjanti li sa issa qegħdin jissaqqew tliet darbiet fil-ġimgħat mill-ħaddiema tal-CWSEF assenjati magħna.

Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa fuq il-post bejn il-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri, u l-kuntrattur Mario Muscat sabiex jiġi diskuss ix-xogħol li jrid isir f'dan ir-rigward bil-għan li dan il-proġett ikun konkluż kompletament matul dan ix-xahar.

34.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-offerta pubblika għax-xogħol ta' installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* tal-Qaċċa jinsab wieqaf peress li wieħed mill-*evaluators* magħżula mill-Kunsill, l-Inġinier Matthew Borg Marks, ma aċċettax li jkun parti mill-bord ta' aġġudikazzjoni.

Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-Inġinier Simon Mizzi għandu jiġi avviċinat biex jifforma parti minn dan il-bord. F'każ li s-Sur Mizzi ma jaċċettax, il-Kunsill qabel li għandna navviċinaw lill-Inġinier Jeffrey Muscat.

34.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-proċess ta' aġġudikazzjoni tal-offerta pubblika għax-xogħol ta' *resurfacing* tal-aħħar parti ta' Triq Għajn Wajtar bil-konkrit jinsab fl-aħħar fażijiet tiegħu. Is-

Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard li huwa wkoll is-Segretarju ta' dan il-bord informa lill-Kunsill li hemm laqgħa skedata ta' dan il-bord għal nhar il-Ħamis 3 ta' Ġunju 2021 bil-għan li din l-evalwazzjoni tiġi konkluża.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard, il-Kunsill qabel li, meta jkun ser isir dan ix-xogħol tant meħtieġ f'din it-triq, issir laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur biex naraw li t-triq tkun magħluqa b'uffiċjali ta' Transport Malta jew Pulizija.

Il-Kunsillier Stefan Bajada daħal għal-laqgħa fis-6.00pm.

34.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntratt eżistenti li l-Kunsill Lokali għandu mal-kumpanija *Greenpak* għas-servizz tal-ġbir ta' skart riċiklabbli fil-lokalita' tagħna skada f'April 2021.

Fid-dawl ta' dan, huwa propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna noħorġu espressjoni ta' interess għal dan is-servizz lill-kumpaniji *Greenpak* u *GreenMT* bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar il-proposti rispettivi tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

34.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li, skont dak li ġie deċiż fil-laqgħa b'urġenza numru 32 tal-Ġimgħa 21 ta' Mejju, ingħata bidu għall-proċess ta' ingaġġ ta' impjieg ġdid mal-Kunsill fi skala 13 wara r-riżenja tas-Sinjura Manolita Manicaro minn Uffiċjal Eżekuttiv. Dan qed isir wara li nġabet l-approvazzjoni neċessarja min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard spjega fid-dettall il-proċess ta' dan l-ingaġġ fejn wara li din is-sejħa toħroġ internament għall-impjegati tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra, issir sejħa interna fil-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex u f'każ li ma japplika ħadd, issir sejħa mal-*Jobsplus*.

Dan huwa proċess metikoluż li jista' jieħu x-xhur u għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament li għalissa għandna napplikaw għall-iskema tal-*Work Exposure* imnedija mill-istess *Jobsplus* bil-għan li ningħataw student li jkun jista' jwettaq xogħol klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill matul ix-xhur tas-sajf sakemm jiġi magħżul impjegat ġdid.

34.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju, Festa Nazzjonali tas-*Sette Giugno*, ser issir iċ-ċerimonja annwali organizzata mill-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li tfakkar lil Ġużeppi Bajada, kumpajżan tagħna, li ħalla ħajtu fl-irvellijiet imdemmija tal-1919. Iċ-ċerimonja tibda b'Quddiesa fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fid-9.30am u tkun segwita bir-rit tat-tqegħid ta' kuruni f'riġlejn il-mafkar ta' Ġużeppi Bajada fi Triq Bullara.

Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna li jattendu għal din l-attivita'. Is-Sindku informa lill-Kunsill li, wara li tintemm l-attivita' għall-ħabta tal-10.30am, ser jittieħed ir-ritratt uffiċjali tal-Kunsill kollu għal din il-leġislatura.

**34.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

*Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera preżenti.*

**34.6 Qari tal-Korrispondenza**

34.6.1 Ċirkulari numru 040/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Students' Summer Work Opportunities 2021'. Il-Kunsill applika għal din l-inizjattiva.

34.6.2 E-mail mingħand Joseph Vella ta' Triq Sruġ, Xagħra, sabiex il-Kunsill Lokali jneħħi *rubbish stand* li twaħħlet minn terzi persuni quddiem ir-residenza tiegħu u li qed toħloq inkonvenjent kbir għalih u għar-residenti tal-appartamenti fejn jgħix. Il-Kunsill qabel li din għandha titneħħa.

34.6.3 E-mail mingħand il-Perit Edward Scerri b'informazzjoni dwar applikazzjoni għal żvilupp bin-numru ta' riferenza PA3170/21 għal xogħol fi Triq Marsalforn li qiegħed għad-deċiżjoni quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra għandu żmien sal-Ġimgħa 11 ta' Ġunju sabiex iressaq oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

Il-Kunsill qabel li għandna niktbu formalment lill-Awtorita' tal-Ippjanar rigward il-ħtieġa urġenti li din in-niċċa storika u niċeċ oħrajn fix-Xagħra jiġu priservati peress li dawn huma parti essenzjali mill-patrimonju ta' raħalna.

34.6.4 Ċirkulari numru 041/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'SeedGreen Programme'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.5 Ċirkulari numru SPI/SCI/5/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme (CIES)*'. Il-Kunsilli Lokali interessati kellhom ċans sat-Tnejn 31 ta' Mejju 2021 sabiex japplikaw. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.6 Stima mingħand Mario Gauci għax-xogħol tal-manutenzjoni tal-funtana fil-ġnien pubbliku faċċata tal-Mitħna Ta' Kola fi Triq Marija Bambina.

Peress li l-Kunsill għandu prijoritajiet oħrajn u in viżta tal-allokazzjoni finanzjarja limitata li għandu għad-diżpożizzjoni tiegħu, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu laqgħa mad-Direttur John Xuereb u niddiskutu l-possibilita' li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema li jaqgħu taħt id-Direttorat tiegħu.

34.6.7 E-mail mingħand Josette Cremona mill-Uffiċċju tal-Kultura fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex b'informazzjoni dwar il-programm ta' ċelebrazzjonijiet sabiex jitfakkru l-irvellijiet tas-*Sette Giugno*. L-attivita' uffiċjali ser tinżamm nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju 2021, Festa Nazzjonali, b'Quddiesa fid-9.30am fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina segwita minn ċerimonja kommemorattiva ħdejn il-mafkar ta' Ġużeppi Bajada fi Triq Bullara. Il-Kunsilliera kollha huma mistiedna jattendu għal din iċ-ċerimonja.

34.6.8 Ċirkulari numru 3/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'L-Onorarja tas-Sindku u s-Sigurta' Soċjali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.9 Kwotazzjoni mingħand is-Sur Thomas Xerri ta' Xerri's Garden Centre għax-xiri ta' tmien siġar taċ-ċipress biex jitħawlu fil-parti ta' fuq tal-

*playing field*. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 1764 VAT eskluża. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mas-Sur Xerri dwar il-possibilita' li jkun hemm roħs f'din il-kwotazzjoni sabiex tiġi aċċettata.

34.6.10 Ċirkulari numru 042/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Reverse Vending Machines – Reazzjonijiet u Proposti mill-Kunsilli Reġjonali / Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.11 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar il-proġett RAN YOUNG li għalih huma eliġibbli li jipparteċipaw studenti żgħażagħ li għandhom bejn it-tmintax u l-ħamsa u għoxrin sena. Id-data ta' għeluq ta' reġistrazzjoni hija nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.12 E-mail mingħand Yosef Magro, *manager* tal-*Gozo Action Group Foundation*, li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu li ma jġeddidx is-sħubija tiegħu f'din il-Fondazzjoni in vizta tal-fatt li l-Kunsill Lokali tagħna kien wieħed mill-akbar benefiċjarji ta' dan il-Fond fis-snin li għaddew. Il-Kunsill qabel li għandu jirrevoka din id-deċiżjoni u jħallas il-miżata ta' sħubija għas-sena kurrenti 2021.

34.6.13 E-mail mingħand Simon Mizzi, President tal-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonalista fix-Xagħra, li fiha qed iressaq it-talba tal-istess Kumitat sabiex tiġi organizzata laqgħa ta' kortesija mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex issir introduzzjoni tal-Kumitat sezzjonali l-ġdid tal-Partit Nazzjonalista fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill aċċetta din it-talba u ser nitolbu li ssir laqgħa *online* f'data u ħin li fihom il-membri ta' dan il-kumitat ikunu disponibbli.

34.6.14 E-mail mingħand Dr. Evangelista Leuzzi, ko-ordinatur tal-Proġett FUTHURE iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea, li tiegħu l-Kunsill Lokali tax-Xagħra huwa *lead partner*, sabiex il-Kunsill formalment japprova t-tqassim tal-allokazzjoni finanzjarja li parti minnha diġa' ngħatat mill-Kummissjoni Ewropea lill-*partners* involuti f'dan il-proġett. Il-Kunsill approva din it-talba.

34.6.15 Ċirkulari numru 043/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'AKL Webinar – Innovative Localities: A place to bring ideas to life 16/06/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.16 E-mail mingħand Kenneth Fenech, Direttur Maniġerjali tal-kumpanija Gokker Limited, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-*outdoor gym equipment* li kien ordnat għall-parti ta' isfel tal-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru għandu jasal fl-ewwel jiem ta' Ġunju. Dan l-*equipment* ser ikun iffinanzjat mill-iskema tal-isports imnedija mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.17 E-mail mingħand George Mizzi, Direttur Artistiku, sabiex jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' attivita' ta' *filming* li qed isir għat-televiżjoni lokali mis-sensiela 'Ġrajjiet Gaudos'. Is-Sur Mizzi qed jitlob: (i) parking riservat għal żewġ karozzi f'sit li jindika hu u (ii) *packed lunch* u żewġ fliexken ilma għall-atturi u l-*crew* involuti. Il-Kunsill aċċetta din it-talba bi spiża li ma teċċedix dik tas-sena li għaddiet.

34.6.18 E-mail mingħand Kenny Grima, uffiċjal eżekuttiv fi ħdan il-JobsPlus, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jiġi organizzat *basic first aid course* ieħor għar-residenti tagħna nhar is-Sibt 3, is-Sibt 10 u s-Sibt 24 ta' Lulju 2021 mit-8.30am sas-1.30pm f'sit indikat mill-Kunsill.

In viżta tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19 u minħabba n-natura tal-kors, is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li dan il-kors għandu jiġi pospost għax-xahar ta' Settembru, dejjem jekk is-sitwazzjoni f'dak iż-żmien tkun tippermetti.

34.6.19 Ċirkulari numru 044/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'SEM – Capacity Building Session Project Development 11/06/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.20 Ċirkulari numru 045/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Communication with people with special needs – Mentor Aid Session 09/06/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.21 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsilli Lokali jressqu t-talba tagħhom għall-fond ta' aġġustament għas-sena kurrenti 2021. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ġie intitolat is-somma ta' € 3,000 bħala lokalita' turistika.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu dawn il-fondi sabiex jintużaw fi proġett ta' tisbieħ tal-ġnien pubbliku faċċata tal-Mitħna Ta' Kola.

34.6.22 E-mail mingħand Miriana Teuma, studenta mix-Xagħra, li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex tkun tista' tagħmel esperjenza ta' xogħol volontarju fl-uffiċċju tal-Kunsill jew fil-librerija pubblika bħala parti minn proġett tas-*Systems of Knowledge* tal-Iskola Post-Sekondarja fejn tattendi. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

34.6.23 E-mail mingħand is-Sinjura Helga Camilleri, rappreżentanta tal-kumpanija MPC Limited, li fiha qed titlob in-*no objection* tal-Kunsill għat-tqegħid ta' *mobile unit* fil-Pjazza quddiem il-Mitħna Ta' Kola bejn il-Ġimgħa 18 u l-Ħadd 20 ta' Ġunju 2021 sabiex jippromwovu l-kampanja nazzjonali 'WATER – Be the change'. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

34.6.24 Ċirkulari numru 046/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Cross-KIC New European Bauhaus (NEB) Call: Capitalising on existing public realm solutions'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.25 E-mail mill-*Gozo Association for the Deaf* li fiha din l-Assoċjazzjoni qed titlob laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiddiskutu modi ta' kif jista' jkun kollaborazzjoni bejn l-istess Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali dwar proġetti futuri ta' din l-Assoċjazzjoni. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

34.6.26 Stima għal xogħol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq Ta' Karkar ippreparata mill-Perit tal-Kunsill, Edward Scerri. L-istima tammonta għas-somma ta' € 62,287.55c VAT inkluża.

In viżta tal-fatt li l-Kunsill Lokali tax-Xagħra preżentament għandu prijoritajiet oħrajn fuq toroq residenzjali u in viżta tal-allokazzjoni

finanzjarja limitata li għandu għad-diżpożizzjoni tiegħu, il-Kunsill qabel li din l-istima għandha tiġi ikkunsidrata aktar 'il quddiem.

Il-Kunsillier Victor Curmi daħal għal-laqgħa fis-6.40pm.

34.6.27 Ittra mill-W.R. Mons. Arċipriet Carmelo Refalo li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fil-pubblikazzjoni ta' *Paġna għat-Tfal* fir-rivista parrokkjali *Ix-Xagħra* li toħroġ tliet darbiet fis-sena. L-ispiża hija ta' € 300 li tkopri t-tliet ħarġiet. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

34.6.28 E-mail mingħand is-Sinjura Marlene Piscopo, residenta fi Triq Parisot, li fiha qed titlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jitlob għall-esproprijazzjoni ta' parti minn din it-triq bil-għan li jitneħħa dan l-ostaklu perikoluż li hemm għar-residenti u s-sewwieqa.

Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u nitolbu aġġornament dwar il-proċess ta' esproprijazzjoni ta' parti minn Triq il-Ġebla Ta' Sansuna.

34.6.29 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'informazzjoni dwar konferenza bit-tema 'ReNaturing Cities through collaborations for Nature-based Solutions conference' li ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.30 E-mail mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar b'informazzjoni dwar lista ta' toroq u żoni fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex li fihom ma jistax isir xogħol ta' demolizzjoni u skavar bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

34.6.31 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex li l-arranġamenti temporanji li kienu saru min-naħa tas-Segretarju Permanenti Ewlieni rigward it-*teleworking* għall-ħaddiema tas-Settur Pubbliku inkluż il-Kunsilli Lokali minħabba l-*coronavirus* ser jiġu sospiżi b'effett minn nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2021.

Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard innota li din iċ-ċirkulari diġa' nġiebet għall-attenzjoni tal-ħaddiema klerikali tagħna li ser jirritornaw lura fl-uffiċċju bl-iskeda normali minn nhar it-Tlieta li ġej.

34.6.32 E-mail mingħand Alda Bugeja li fiha qed titlob lill-Kunsill sabiex jikkollabora magħha fl-organizazzjoni ta' korsijiet edukattivi għal żmien is-sajf għat-tfal tal-etajiet bejn il-ħames u l-għaxar snin u r-residenti adulti. Il-kors jittratta dwar kif nistgħu noħolqu affarijiet ġodda minn materjal riċiklat.

In viżta tas-sitwazzjoni attwali relatata mal-pandemija tal-Covid-19, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sinjura Bugeja sabiex tara l-possibilita' li dan il-kors isir b'mod virtwali.

34.6.33 E-mail mill-Ministeru tal-Ambjent li fiha l-Ministeru qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jitwaħħal *charging pillar* għall-vetturi elettriċi fi Triq Għajn Ħosna viċin il-bajja tar-Ramla l-Ħamra.

Il-Kunsill aċċetta din it-talba bil-kundizzjoni li jiġu akkwistati l-permessi kollha neċessarji mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

34.6.34 E-mail mill-EDEN *Network* b'informazzjoni aġġornata dwar il-Programm EDEN (*European Destinations of Excellence*). Il-Kunsill innota l-kontenut.

**34.7 Ilmenti mir-residenti**

34.7.1 Talba mingħand Chris Camilleri sabiex tiġi spustjata l-*loading/unloading bay* li tinsab quddiem il-ħanut tiegħu fi Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

34.7.2 Talba mill-*Gozo Intervention Unit* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex isir xogħol ta' asfaltar fi Triq San Marzjal peress li partijiet minnha jinsabu fi stat ħażin. Il-Kunsill innota dan l-ilment.

34.7.3 Talba mill-*Gozo Intervention Unit* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' għat-triq fi Triq Tas-Sruġ. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex.

34.7.4 Talba mingħand Michelle Tanti ta' Triq Parisot sabiex titbaxxa l-bankina quddiem ir-residenza tagħha minħabba li r-resident ma jistax jidħol id-dar faċilment peress li juża s-siġġu tar-roti. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

34.7.5 Talba mingħand Michael Attard ta' Triq Tal-Qaċċa sabiex jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru riċentament quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

34.7.6 Talba mingħand Elaine Xerri ta' Triq il-Kumittiva sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq naħa waħda tal-garaxx tar-residenza tagħha. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

34.7.7 Talba mingħand Karmnu Sultana ta' Triq l-Għejun sabiex titwaħħal mera kif toħroġ mill-isqaq fejn joqgħod hu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

34.7.8 Talba mingħand Darren Sultana ta' Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono sabiex il-Kunsill jasfalta din it-triq minħabba li tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill innota dan l-ilment. Minħabba li preżentament il-Kunsill għandu prijoritajiet oħrajn u, in viżta tal-allokazzjoni finanzjarja annwali limitata li għandu l-Kunsill għad-diżpożizzjoni tiegħu, din it-talba ser tiġi ikkunsidrata aktar 'il quddiem.

34.7.9 Talba mingħand Derek Cardona ta' Triq it-28 ta' April 1688 sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar madwar metru fuq kull naħa tal-garaxx tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

34.7.10 Talba mingħand Mario Xerri ta' Triq Ta' Ġorf sabiex (i) isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tal-Ispigolatrici Della Chiesa

fi Triq Ġnien Xibla u (ii) isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tal-familja Hili fi Triq Ġnien Xibla peress li t-triq hija dejqa ħafna.

Rigward (i), il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-kunsens tal-Ispigolatrici. Rigward (ii), il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Transport Malta sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni tat-traffiku f'din iż-żona tal-lokalita' tagħna u jissuġġerixxu x'jista' jsir biex ikun hemm immaniġġjar aħjar tat-traffiku.

34.7.11 Talba mingħand l-Inġinier John Caruana sabiex il-Kunsill Lokali tax-Xagħra jikkunsidra li jżid *bins* għall-iskart organiku u l-iskart domestiku mħallat li jitpoġġew maġenb il-*bins* tar-riċiklaġġ fil-*bring-in-sites* tax-Xagħra bil-għan li r-residenti, b'mod partikolari l-Maltin li jkunu għall-vaganzi tagħhom fi tmiem il-ġimgħa, ikollhom fejn iħallu l-iskart qabel jitilqu lura lejn Malta. Il-Kunsill innota din it-talba.

34.7.12 Talba mingħand Shaun Tabone sabiex jekk huwa possibbli ssir *platform* kwadra tas-siment bħala estensjoni ta' rampa li hija eżistenti fi Triq ir-Ramla għal Għajn Ħosna u dan sabiex il-bdiewa jkollhom aċċess għall-għelieqi tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Tabone sabiex jipprovdi dikjarazzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet li tali rampa hija pubblika qabel ma jipproċedi biex jagħmel ix-xogħlijiet rikjesti.

34.7.13 Talba mingħand Adrian Sammut ta' Triq il-Ġnejna sabiex jitwalu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li jinsabu quddiem ir-residenza tiegħu f'din it-triq. Il-Kunsill ma aċċettax din it-talba minħabba li ser jonqos spazju ta' parkeġġ f'din it-triq.

34.7.14 Talba mingħand Glyn Mercieca ta' Triq il-Mitħna sabiex isir *storm water culvert* biex jilqa' l-ilma tax-xita quddiem residenza li għandu fi Triq San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata aktar 'il quddiem.

34.7.15 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex isiru *traffic calming measures* fil-bidu ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u titranġa l-*crash barrier* li hemm fil-kantuniera bejn din it-triq u Triq Tal-Qaċċa. Il-Kunsill

qabel li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

34.7.16 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex jitranġa d-dawl li jagħti għal fuq l-istatwa tal-Madonna fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-kuntrattur Frankie Agius u naraw il-possibilita' li jsir fanal żgħir b'dawl inemnem quddiem din l-istatwa storika.

**34.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

34.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

34.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament bl-eċċezzjoni tal-pagament dovut lil Dr. Carmelo Galea għal servizzi legali mogħtija lill-Kunsill bejn is-sena 2015 u s-sena 2021 fejn il-Kunsillier Anthony Attard ivvota kontra.

34.8.3 Il-Kunsillier Anthony Attard qal li hu qed jivvota kontra dan il-pagament peress li huwa preskritt u ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill qiegħed jikser il-Liġi meta jivvota favur pagamenti li huma preskritti.

**34.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

34.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Lulju 2021 fis-6.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**